**Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument**

►B

# REGOLAMENT (UE) 2018/231 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tas-26 ta' Jannar 2018**

**dwar rekwiżiti ta' rappurtar statistiku għal fondi tal-pensjoni *(BĊE/2018/2)***

(ĠU L 45, 17.2.2018, p. 3)

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 132, 20.5.2019, p. 47 (2018/231)

▼B

# REGOLAMENT (UE) 2018/231 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tas-26 ta' Jannar 2018

## dwar rekwiżiti ta' rappurtar statistiku għal fondi tal-pensjoni *(BĊE/2018/2)*

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament:

1. "fond tal-pensjoni (PF)" (subsettur S.129 tal-ESA 2010) tfisser korporazzjoni finanzjarja jew kważi-korporazzjoni li hija prinċipalment imqabbda f'intermedjazzjoni finanzjarja bħala konsegwenza tal-ġabra ta' riskji soċjali u bżonnijiet tal-persuni assigurati (assigurazzjoni soċjali). Fond tal-pensjoni bħala skema ta' assigurazzjoni soċjali jipprovdi dħul fl-irtirar u jista' jipprovdi benefiċċji għall-mewt u d-diżabilità.

   Dawn li ġejjin mhumiex inklużi fid-definizzjoni:

   (a) fondi ta' investiment (IFs) kif iddefiniti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1073/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2013/38) ([1]).

   (b) korporazzjonijiet ta' vetturi finanzjarji involuti f'operazzjonijiet ta' titolizzazzjoni kif iddefiniti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1075/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2013/40) ([2]);

   (c) istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (MFIs) kif iddefiniti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2013/33) ([3]).

   (d) korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (ICs) kif iddefiniti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1374/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/50) ([4]);

   (e) il-fondi mhux awtonomi tal-pensjonijiet li mhumiex unitajiet istituzzjonali u jibqgħu parti mill-unità istituzzjonali li tistabbilixxihom.

   (f) fondi tas-sigurtà soċjali kif iddefiniti fil-paragrafu 2.117 tal-ESA 2010;

2. "aġenti li jirrapportaw" għandha l-istess tifsira kif iddefinit fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98;

---

([1]) Regolament (UE) Nru 1073/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-18 ta' Ottubru 2013 dwar statistika dwar l-attiv u l-passiv ta' fondi ta' investiment (BĊE/2013/38) (ĠU L 297, 7.11.2013, p. 73).

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1075/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-18 ta' Ottubru 2013 dwar statistika fuq l-attiv u l-passiv ta' korporazzjonijiet finanzjarji vettura involuti fi tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni (BĊE/2013/40) (ĠU L 297, 7.11.2013, p. 107).

([3]) Regolament (UE) Nru 1071/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta' Settembru 2013 dwar il-karta tal-bilanċ tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2013/33) (ĠU L 297, 7.11.2013, p. 1).

([4]) Regolament (UE) Nru 1374/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-28 ta' Novembru 2014 dwar rekwiżiti ta' rappurtar statistiku għal korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (BĊE/2014/50) (ĠU L 366, 20.12.2014, p. 36).

▼B

3. “resident” għandha l-istess tifsira kif iddefinita fl-Artikolu 1(4) tar-Regolament (KE) Nru 2533/98; Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, jekk entità legali jkun jonqosha dimensjoni fiżika, ir-residenza tagħha għandha tiġi ddeterminata mit-territorju ekonomiku li skont il-liġijiet tiegħu l-entità tkun ġiet inkorporata. Jekk l-entità mhijiex inkorporata, ir-residenza għandha tiġi ddeterminata mid-domiċilju legali tagħha, jiġifieri l-pajjiż li s-sistema legali tiegħu tirregola l-ħolqien u l-eżistenza kontinwata tal-entità;

4. “BĊN relevanti” tfisser il-BĊN tal-Istat Membru taż-żona tal-euro li fih hija residenti l-PF u/jew il-maniġer tal-pensjoni;

5. “AKN relevanti” tfisser l-AKN tal-Istat Membru taż-żona tal-euro li fih huma residenti l-PF u/jew il-maniġer tal-pensjoni;

6. “maniġer tal-pensjoni” għandha l-istess tifsira kif iddefinit fil-paragrafu 5.185 tal-ESA 2010;

7. “tagħrif statistiku titolu b'titolu” tfisser it-tagħrif statistiku mqassam skont titoli individwali;

8. “tagħrif statistiku partita b'partita” tfisser it-tagħrif statistiku mqassam skont assi jew obbligazzjonijiet individwali;

9. “tagħrif statistiku aggregat” tfisser it-tagħrif statistiku li ma jkunx tqassam f'assi jew obbligazzjonijiet individwali;

10. “tranżazzjoni finanzjarja” tfisser tranżazzjoni li tirriżulta mill-ħolqien, il-likwidazzjoni jew it-tibdil fis-sjieda ta' assi jew obbligazzjonijiet finanzjarji, kif deskritt aktar fil-Parti 5 tal-Anness II;

11. “aġġustament ta' rivalutazzjonijiet” jirreferi għal bidliet fil-valutazzjoni tal-assi u tal-obbligazzjonijiet li jirriżultaw jew minn bidiliet fil-prezz ta' assi jew ta' obbligazzjonijiet u/jew mill-effett tar-rati tal-kambju fuq il-valuri, imfissra f'euro ta' assi u obbligazzjonijiet iddenominati f'valuta barranija, kif deskritti aktar fil-Parti 5 tal-Anness II.

*Artikolu 2*

**Popolazzjoni attwali li tirrapporta**

1. Il-popolazzjoni attwali li tirrapporta għandha tikkonsisti fil-PFs residenti fiż-żona tal-euro tal-Istati Membri parteċipanti.

2. Il-PFs fil-popolazzjoni attwali li tirrapporta għandhom ikunu soġġetti għal ħtiġijiet ta' rappurtar statistiku sħiħ sakemm ma tkunx tapplika deroga mogħtija bis-saħħa tal-Artikolu 7.

3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, bil-għan li tinġabar informazzjoni dwar l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-PFs skont il-Parti 3 tal-Anness I, il-BĊN rilevanti jista' jiddeċiedi li l-popolazzjoni attwali li tirrapporta tinkludi maniġers tal-pensjonijiet individwali residenti fl-Istat Membru tagħha. F'każijiet bħal dawn, dak il-BĊN jista' jagħti deroga lil PF marbuta mal-maniġer tal-pensjoni inkluż fil-popolazzjoni attwali tar-rappurtar sakemm l-informazzjoni statistika meħtieġa skont il-Parti 3 tal-Anness I tinġabar mill-maniġer tal-pensjoni rispettiv jew sorsi oħra disponibbli. Il-BĊNi għandhom jivverifikaw it-twettiq tal-kundizzjoni fil-ħin sabiex jikkonċedu jew jirtiraw, jekk ikun hemm bżonn, kull deroga b'effett mill-bidu tas-sena kalendarja li jmiss, bi ftehim mal-BĊE.

▼B

*Artikolu 3*

**Lista ta' PFs għal skopijiet ta' statistika**

1. Il-Bord Eżekuttiv tal-BĊE għandu jistabbilixxi u jżomm, għal skopijiet statistiċi, lista ta' PFs u maniġers tal-pensjoni li jifformaw il-popolazzjoni attwalment soġġetta għar-rappurtar skont dan ir-Regolament. Il-lista tista' tkun ibbażata fuq listi ta' PFs li bħalissa huma mħejjija minn awtoritajiet nazzjonali, fejn dawn il-listi huma disponibbli, supplimentati minn PFs oħra u maniġers tal-pensjonijiet li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' PF u maniġer tal-pensjonijiet fl-Artikolu 1.

2. Il-BĊNi u l-BĊE għandhom jagħmlu din il-lista u kull aġġornament tagħha disponibbli f'forma xierqa, inkluż b'mezzi elettroniċi, permezz tal-Internet jew, fuq talba mill-aġenti li jirrapportaw ikkonċernati, bil-karti.

3. Jekk l-aħħar verżjoni elettronika tal-lista msemmija fil-paragrafu 2 hija skorretta, il-BĊE ma għandux jimponi sanzjonijiet fuq aġent li jirrapporta li ma jkunx wettaq kif suppost l-obbligi ta' rappurtar tiegħu sal-punt li jkun straħ fuq il-lista skorretta bil-bona fede.

*Artikolu 4*

**Rekwiżiti ta' rappurtar statistiku**

1. L-aġenti ta' rappurtar għandhom jipprovdu lill-BĊN relevanti, jew direttament jew permezz tal-AKN relevanti, bis-saħħa ta' arranġamenti ta' kooperazzjoni lokali, u skont l-Annessi I u II:

(a) fuq bażi trimestrali, it-tagħrif statistiku dwar l-istokk ta' tmiem it-trimestru dwar l-assi tal-PFs u, skont l-Artikolu 5, aġġustamenti ta' rivalutazzjoni trimestrali jew tranżazzjonijiet finanzjarji dwar assi, fejn applikabbli;

(b) fuq bażi annwali, it-tagħrif statistiku tal-istokk ta' tmiem is-sena dwar obbligazzjonijiet ta' PFs bħala minimu u, skont l-Artikolu 5, aġġustamenti annwali ta' rivalutazzjoni jew tranżazzjonijiet finanzjarji rigward obbligazzjonijiet, fejn applikabbli;

(c) fuq bażi annwali, data ta' tmiem is-sena dwar in-numru ta' membri ta' skemi tal-pensjoni maqsuma f'membri attivi, membri differiti u membri rtirati.

2. Il-BĊNi għandhom joħorġu estimi trimestrali għal obbligazzjonijiet ta' PFs ibbażati fuq it-tagħrif statistiku pprovdut fuq bażi annwali mill-aġenti ta' rappurtar skont l-Artikolu 4(1)(b).

3. Il-BĊNi għandhom jinformaw lill-aġenti li jirrapportaw bl-iskopijiet varji li għalihom jinġabar it-tagħrif statistiku tagħhom.

4. Sabiex jitnaqqas il-piż tar-rappurtar fuq il-PFs, il-BĊNi għandhom jingħataw is-setgħa li jikkombinaw ir-rekwiżiti ta' rappurtar tagħhom skont dan ir-Regolament mar-rekwiżiti tagħhom ta' rappurtar skont ir-Regolament (UE) Nru 1011/2012 (BĊE/2012/24).

▼B

5. Fejn il-BĊN rilevanti ma jkunx iddeċieda li jinkludi maniġer tal-pensjoni fil-popolazzjoni attwali ta' rappurtar skont l-Artikolu 2(3), il-maniġer tal-pensjoni rispettiv li għandu t-tagħrif statistiku li huwa meħtieġ li jiġi rrappurtat skont l-Artikolu 4(1) u (2) u l-Artikolu 5(1)(a) għandu jipprovdi dan it-tagħrif statistiku lill-PF fil-ħin biex jippermetti lill-PF jikkonforma mar-rekwiżiti ta' rappurtar statistiku tiegħu skont l-Artikolu 8. Jekk il-PF ma jikkonformax mal-obbligi tar-rappurtar statistiku tiegħu għaliex il-maniġer tal-fond tal-pensjoni jonqos milli jipprovdi dan it-tagħrif statistiku lill-PF, il-BĊN għandu jiddeċiedi li jinkludi lill-maniġer tal-pensjoni fil-popolazzjoni attwali ta' rappurtar skont l-Artikolu 2(3).

*Artikolu 5*

**Aġġustamenti ta' rivalutazzjoni u tranzazzjonijiet finanzjarji**

1. Informazzjoni dwar aġġustamenti ta' rivalutazzjoni u tranżazzjonijiet finanzjarji għandha tinkiseb kif ġej.

(a) L-aġenti li jirrapportaw għandhom jirrapportaw aġġustamenti ta' rivalutazzjoni jew tranżazzjonijiet finanzjarji, skont l-istruzzjonijiet rilevanti tal-BĊN, għal informazzjoni rrapportata fuq bażi aggregata.

(b) Il-BĊNi għandhom jew iġibu approssimazzjonijiet tal-valur ta' tranżazzjonijiet ta' titoli minn It-tagħrif statistiku titolu b'titolu jew għandhom indirettament jiġbru t-tagħrif statistiku dwar tranżazzjonijiet bħal dawn mill-aġenti tar-rappurtar fuq bażi ta' titolu b'titolu. Il-BĊNi jistgħu jsegwu approċċ simili għal assi li ma humiex titoli meta jkunu qegħdin jiġbru t-tagħrif statistiku partita b'partita;

(c) Fil-każ ta' intitolamenti tal-pensjoni maħruġa minn PFs, għandhom jinkisbu approssimazzjonijiet tal-valur tat-tranżazzjonijiet finanzjarji:

   (i) minn aġenti li jirrapportaw, skont il-gwida tal-BĊN relevanti fuq il-bażi tal-aqwa prattiki komuni li jistgħu jiġu ddefiniti fil-livell taż-żona tal-euro; jew

   (ii) mill-BĊN relevanti, fuq il-bażi ta' tagħrif statistiku fornit minn PFs.

2. Linji gwida oħrajn dwar il-kumpilazzjoni ta' aġġustamenti jew tranżazzjonijiet finanzjarji ta' rivalutazzjoni huma stabbiliti fl-Anness II.

*Artikolu 6*

**Regoli tal-kontabilità**

1. Sakemm mhux stipulat mod ieħor f'dan ir-Regolament, ir-regoli tal-kontabilità segwiti minn PFs għall-finijiet ta' rappurtar taħt dan ir-Regolament għandhom ikunu dawk stipulati fil-liġi nazzjonali relevanti li timplimenta d-Direttiva 2003/41/KE tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill ([1]) jew fi kwalunkwe standards nazzjonali jew internazzjonali oħrajn li japplikaw għal PFs abbażi ta' struzzjonijiet mogħtija minn BĊNi.

2. It-tħassir u tnaqqis fil-valur kif iddeterminat mill-prattiki ta' kontabbiltà relevanti għandhom ikunu esklużi minn dan l-ammont prinċipali pendenti ta' self u jiġi rrapportat separatament.

([1]) Direttiva 2003/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 2003 dwar l-attivitajiet u s-sorveljanza tal-istituzzjonijiet li jipprovdu għall-irtirar mix-xogħol (ĠU L 235, 23.9.2003, p. 10).

▼B

3. Mingħajr preġudizzju għall-prattiċi tal-kontabilità u l-arranġamenti ta' netting l-aktar użati fl-Istati Membri taż-żona tal-euro, l-assi u l-obbligazzjonijiet finanzjarji kollha għandhom jiġu rrapportati fuq bażi grossa għal finijiet statistiċi.

*Artikolu 7*

**Derogi**

1. Derogi jistgħu jingħataw lil PFs żgħar, kif ġej:

(a) Il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi lill-iżgħar PFs f'termini ta' assi totali, kemm-il darba l-PF li jikkontribwixxu għall-kont trimestrali aggregat tal-karta tal-bilanċ ikunu jirrappreżentaw ta' lanqas 85 % tat-total tal-assi tal-PFs residenti fi Stat Membru taż-żona tal-euro.

(b) Suġġett għall-Artikolu 13, il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi lill-iżgħar PFs fejn l-assi totali aggregati trimestrali tal-PF huma anqas minn EUR 25 miljun jew in-numru tal-membri tiegħu huwa inqas minn 100, ibbażat fuq l-aħħar sottomissjoni annwali tat- tagħrif statistiku, jew, għall-ewwel rappurtar, fuq it-tagħrif statistiku rrappurtat għall-2018 disponibbli fil-BĊN jew AKN rilevanti. Il-BĊN rilevanti għandu jiżgura li l-PFs li jikkontribwixxu għall-karta tal-bilanċ aggregat trimestrali jikkostitwixxu mill-inqas 80 % tal-assi totali ta' PFs residenti fl-Istat Membru rilevanti taż-żona tal-euro.

(c) PF mogħti deroga taħt il-punt (a) jew (b) mill-obbligi ta' rappurtar fl-Artikolu 4, għandu minkejja dan jikkonforma mar-rekwiżiti ta' rappurtar fl-Artikolu 4(1)(a) fuq bażi annwali, sakemm il-PFs li jikkontribwixxu għall-karta tal-bilanċ aggregata annwali jikkostitwixxu għal mill-inqas 95 % tal-assi totali ta' PFs residenti fl-Istat Membru rilevanti taż-żona tal-euro.

(d) PF mogħti deroga taħt il-punt (a) jew (b) għandu jirrapporta, bħala minimu, assi totali mqassma f'titoli ta' dejn, ekwità, ishma/unitajiet ta' fondi ta' investiment u kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli fuq bażi annwali.

(e) Il-BĊNi għandhom jivverifikaw it-twettiq tal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) sa (ċ) ta' kull sena u fi żmien biżżejjed minn qabel sabiex jagħtu jew jirtiraw, jekk ikun meħtieġ, xi deroga b'effett mill-bidu tat-tieni sena kalendarja konsekuttiva.

2. Il-PFs jistgħu jagħżlu li ma jagħmlux użu minn deroga u li minnflok jissodisfaw l-obbligi ta' rappurtar statistiku kollha speċifikati fl-Artikolu 4. Jekk PF jagħmel għażla bħal din, għandu jikseb il-kunsens tal-BĊN rilevanti qabel kwalunkwe użu tad-deroga.

*Artikolu 8*

**Tempestività**

1. L-aġenti li jirrapportaw għandhom jittrażmettu lill-BĊN relevanti jew lill-AKN relevanti jew lit-tnejn, skont l-arranġamenti ta' kooperazzjoni lokali, It-tagħrif statistiku trimestrali meħtieġa, ta' mill-inqas għaxar ġimgħat wara t-tmiem tat-trimestru li miegħu ikun relatat it-tagħrif statistiku. Din id-data ta' skadenza għandha titressaq 'il quddiem b'ġimgħa fis-sena minn hemm 'il quddiem u għandha tkun ta' seba' ġimgħat għall-2022.

▼B

2. L-aġenti li jirrapportaw għandhom jittrażmettu lill-BĊN relevanti jew lill-AKN relevanti jew lit-tnejn, skont l-arranġamenti ta' kooperazzjoni lokali, It-tagħrif statistiku annwali meħtieġ, ta' mill-inqas għoxrin ġimgħa wara t-tmiem tat-trimestru li miegħu jkun relatat it-tagħrif statistiku. Din id-data ta' skadenza għandha titressaq 'il quddiem b'ġimgħatejn fis-sena minn hemm 'il quddiem u għandha tkun ta' 14-il ġimgħa għall-2022.

*Artikolu 9*

**Standards minimi u arranġamenti ta' rappurtar nazzjonali**

1. L-aġenti li jirrappurtaw għandhom jikkonformaw mal-obbligi tar-rappurtar statistiku li għalihom huma suġġetti b'konformità mal-istandards minimi għat-trażmissjoni, il-preċiżjoni, il-konformità mal-kunċetti u r-reviżjonijiet speċifikati fl-Anness III.

2. Il-BĊNi għandhom jiddefinixxu u jimplimentaw l-arranġamenti tar-rappurtar li jridu jiġu segwiti mill-popolazzjoni attwali li tirrapporta. Il-BĊNi għandhom jiżguraw li dawn l-arranġamenti tar-rappurtar jipprovdu l-informazzjoni statistika meħtieġa u jippermettu verifika preċiża li huma sodisfatti l-istandards minimi għat-trasmissjoni, il-preċiżjoni u l-konformità mal-kunċetti u reviżjonijiet speċifikati fl-Anness III.

*Artikolu 10*

**Fużjonijet, diviżjonijiet u riorganizzazzjonijiet**

Fil-każ ta' fużjoni, diviżjoni jew riorganizzazzjoni li tista' taffettwa t-twettiq tal-obbligi statistiċi tagħhom, kull aġent li jirrapporta kkonċernat għandu jinforma lill-BĊN relevanti, direttament jew permezz tal-AKN rilevanti skont arranġamenti ta' kooperazzjoni lokali, hekk kif l-intenzjoni tal-implimentazzjoni ta' tali operazzjoni tkun ġiet ippubblikata u fi żmien raġonevoli qabel ma tidħol fis-seħħ, bil-proċeduri li huma ppjanati sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' rappurtar statistiku stabbiliti f'dan ir-Regolament;

*Artikolu 11*

**Verifika u ġbir obbligatorju**

Il-BĊNi għandhom jeżerċitaw id-dritt biex jivverifikaw jew jiġbru b'mod obbligatorju l-informazzjoni li l-aġenti li jirrapportaw huma mitluba jagħtu skont dan ir-Regolament, mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-BĊE li jeżerċità dawn id-drittijiet huwa stess. B'mod partikolari, il-BĊNi għandhom jeżerċitaw dan id-dritt meta istituzzjoni inkluża fil-popolazzjoni attwali tar-rappurtar ma tissodisfax l-istandards minimi tat-trażmissjoni, l-eżattezza, il-konformità mal-kunċetti u r-reviżjonijiet speċifikati fl-Anness III.

*Artikolu 12*

**L-ewwel rappurtar**

1. L-ewwel rappurtar għandu jibda b' tagħrif statistiku trimestrali fuq l-assi għat-tielet trimestru tal-2019 u bIt-tagħrif statistiku annwali dwar il-passiv u l-membri għall-2019. Dan it-tagħrif statistiku għandu jiġi rrappurtat b'konformità mal-Artikolu 8.

▼B

2. Il-PFs imsemmija fl-Artikolu 7(1)(ċ) u (d) għandhom jirrapportaw It-tagħrif statistiku annwali dwar l-assi skont dawk id-dispożizzjonijiet għall-2018 sal-aħħar tal-2019.

3. Sabiex jinkisbu estimi trimestrali għall-passiv tal-PFs skont l-Artikolu 4(2) għall-2019, il-BĊNi għandhom jużaw it-tagħrif statistiku annwali dwar il-passiv għall-2018disponibbli mingħand il-BĊN jew il-AKN relevanti.

*Artikolu 13*

**Dispożizzjonijiet tranżitorji**

Jekk BĊN jagħti deroga skont l-Artikolu 7(1)(b), il-BĊN relevanti għandu jiżgura li l-PFs li jikkontribwixxu ġġall-karta tal-bilanċ aggregata trimestrali jammontaw għal tal-anqas75 % tal-assi totali taż PFs residenti fl-Istat Membru relevanti taż-żona tal-euro għall-ewwel rappurtar u sa mhux aktar tard mid-data sa meta l-aġenti tar-rappurtar għandhom jittrażmettu it-tagħrif statistiku trimestrali u annwali għall-2022 skont l-Artikolu 8.

*Artikolu 14*

**Dispożizzjonijiet finali**

Dan ir-Regolament ghandu jidhol fis-sehh fl-ghoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tieghu f'*Il-Gurnal Ufficjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

▼B

*ANNESS I*

## REKWIŻITI TA' RAPPURTAR STATISTIKU

PARTI 1

### Rekwiżiti ġenerali ta' rappurtar statistiku

1. Il-popolazzjoni attwali li tirrapporta għandha tipprovdi ta' mill-inqas it-tagħrif statistiku li ġej, fuq bażi trimestrali:

   (a) It-tagħrif statistiku titolu b'titolu għal titoli b'kodiċijiet ISIN;

   (b) It-tagħrif statistiku dwar titoli mingħajr kodiċijiet ISIN jew fuq bażi ta' titolu b'titolu jew inkella fuq bażi aggregata, imqassma skont il-kategoriji tal-istrument/maturità u l-kontropartijiet;

   (c) It-tagħrif statistiku dwar assi u obbligazzjonijiet minbarra titoli jew fuq bażi ta' titolu b'titolu jew inkella fuq bażi aggregata, imqassma skont il-kategoriji tal-istrument/maturità u l-kontropartijiet;

2. It-tagħrif statistiku b'formaaggregata għandha tiġi pprovduta f'termini ta' stokks u, skont l-istruzzjonijiet tal-bank ċentrali nazzjonali (BĊN) relevanti, f'termini ta' jew: (a) rivalutazzjonijiet minħabba tibdiliet fil-prezz u fir-rata tal-kambju; jew (b) tranżazzjonijiet finanzjarji.

3. Barra minn hekk, fondi tal-pensjoni (PFs) residenti fi Stat Membru taż-żona tal-euro għandhom jipprovdu, fuq bażi annwali, it-tagħrif statistiku dwar obbligazzjonijiet kif speċifikat fl-Anness II.

4. It-tagħrif statistiku li għandu jiġi pprovdut lill-BĊN relevanti fuq il-bażi ta' titolu b'titolu huwa speċifikat fit-Tabella 2.1 għal titoli b'kodiċi ISIN u fit-Tabella 2.2 għal titoli mingħajr kodiċi ISIN. Ir-rekwiżiti ta' rappurtar statistiku trimestrali aggregat għal stokks u għar-rivalutazzjonijiet minħabba bidliet fil-prezz u r-rata tal-kambju jew tranżazzjonijiet finanzjarji, huma speċifikati fit-Tabelli 1a u 1c. Ir-rekwiżiti ta' rappurtar statistiku annwali aggregat għal stokks u għar-rivalutazzjonijiet minħabba bidliet fil-prezz u r-rata tal-kambju huma jew tranżazzjonijiet finanzjarji, huma speċifikati fit-Tabella 1b. It-tagħrif statistiku annwali li għandha tingħata rigward in-numru ta' membri tal-iskemi tal-pensjoni hija speċifikata fit-Tabella 3.

PARTI 2

### Riżervi ta' fond tal-pensjoni

1. F'dak li jirrigwarda riżervi ta' fond tal-pensjoni, għar-rekwiżiti ta' rappurtar annwali elenkati hawn isfel, l-aġenti li jirrappurtaw għandhom jidderivaw stimi, jekk it-tagħrif statistiku ma jkunx jista' jiġi identifikat b'mod dirett, skont il-gwida tal-BĊN relevanti, fuq il-bażi tal-aħjar prattiki komuni iddefiniti fil-livell taż-żona tal-euro:

   — intitolamenti tal-pensjoni mqassma bil-kontribuzzjoni ddefinita u skemi ta' benefiċċju ddefiniti;

   — aġġustamenti ta' rivalutazzjoni (inklużi aġġustamenti tar-rata tal-kambju) jew tranżazzjonijiet finanzjarji għat-tqassimi meħtieġ kollu kif jidher fit-Tabella 1b.

2. Il-BĊNi għandhom jidderivaw stimi trimestrali bbażati fuq it-tagħrif statistiku pprovdut fuq bażi annwali mill-aġenti li jirrapportaw.

▼B

PARTI 3

**Tabelli ta' rappurtar**

*Tabella 1a*

**ASSI**

**Stokks u aġġustament ta' rivalutazzjoni (inklużi aġġustament tar-rata tal-kambju) jew tranżazzjonijiet finanzjarji**

**Dejta meħtieġa biex tiġi pprovduta fuq bażi trimestrali**

| | Total | Stati Membri taż-żona tal-euro/domestiċi minbarra domestiċi (total) | | | | | | | | | | | Il-Bqija Tad-Dinja (total) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | MFIs (S.121 + 122) | Mhux-MFI - Total | | | | | | | | | |
| | | | | | Gvern ġenerali (S.13) | Residenti oħra | | | | | | | |
| | | | | | | Total | Fondi ta' investiment mhux MMF (S.124) | Intermedjarji finanzjarji oħrajn (S.125), awżiljari finanzjarji (S.126), istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u dawk li jisilfu l-flus (S.127) | Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (S.128) | Fondi tal-pensjoni (S.129) | Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11) | Unitajiet domestiċi + istituzzjonijiet bla qligħ li jservu unitajiet domestiċi (S.14 + S.15) | |
| **ASSI (totali)** | | | | | | | | | | | | | |
| 1 **Munita u depożiti (ESA 2010: F.21, F.22 u F.29)** | | | | | | | | | | | | | |
| li minnhom depożiti trasferibbli (ESA 2010: F.22) | | | | | | | | | | | | | |
| 2 **Titoli ta' dejn (ESA 2010: F.3)** | | | | | | | | | | | | | |
| sa sena | | | | | | | | | | | | | |
| aktar minn sena u sa sentejn | | | | | | | | | | | | | |
| aktar minn sentejn | | | | | | | | | | | | | |
| 3 **Selfiet (ESA 2010: F.4)** | | | | | | | | | | | | | |
| sa sena | | | | | | | | | | | | | |
| aktar minn sena u sa 5 snin | | | | | | | | | | | | | |
| aktar minn 5 snin | | | | | | | | | | | | | |
| 4 **Ekwità (ESA 2010: F.51)** | | | | | | | | | | | | | |
| li minnhom ishma kkwotati (ESA 2010: F.511) | | | | | | | | | | | | | |

▼B

| | Total | Stati Membri taż-żona tal-euro/domestiċi minbarra domestiċi (total) | | | | | | | | | | | Il-Bqija Tad-Dinja (total) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | MFIs (S.121 + 122) | Mhux-MFI - Total | | | | | | | | | |
| | | | | | Gvern ġenerali (S.13) | Residenti oħra | | | | | | | |
| | | | | | | Total | Fondi ta' investiment mhux MMF (S.124) | Intermedjarji finanzjarji oħrajn (S.125), awżiljari finanzjarji (S.126), istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u dawk li jisilfu l-flus (S.127) | Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (S.128) | Fondi tal-pensjoni (S.129) | Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11) | Unitajiet domestiċi + istituzzjonijiet bla qligħ li jservu unitajiet domestiċi (S.14 + S.15) | |
| li minnhom ishma kkwotati (ESA 2010: F. 512) | | | | | | | | | | | | | |
| li minnhom ekwità oħra (ESA 2010: F.519) | | | | | | | | | | | | | |
| 5 **Ishma/unitajiet ta' fondi tal-investiment (ESA 2010: F.52)** | | | | | | | | | | | | | |
| unitajiet/ishma MMF (ESA 2010: F.521) | | | | | | | | | | | | | |
| unitajiet/ishma mhux MMF (ESA 2010: F.522) | | | | | | | | | | | | | |
| l/m fondi ta' bonds | | | | | | | | | | | | | |
| l/m fondi ta' ekwità | | | | | | | | | | | | | |
| l/m fondi mħallta | | | | | | | | | | | | | |
| l/m fondi ta' proprjetà immobbli | | | | | | | | | | | | | |
| l/m fondi hedge | | | | | | | | | | | | | |
| l/m fondi oħra | | | | | | | | | | | | | |
| 6 **Riservi ta' fondi tal-pensjonijiet (ESA 2010: F. 6)** | | | | | | | | | | | | | |
| li minnhom pretenzjonijiet ta' fondi ta' pensjoni fuq maniġers tal-pensjonijiet [2010] F.64) | | | | | | | | | | | | | |
| li minnhom ammonti rekuperabbli mir-riassigurazzjoni (F.61) | | | | | | | | | | | | | |
| 7 **Derivattivi finanzjarji [ESA 2010: F.7)** | | | | | | | | | | | | | |
| 8 **Kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli (ESA 2010: F.8)** | | | | | | | | | | | | | |
| 9 **Assi mhux finanzjarji** | | | | | | | | | | | | | |

▼B

*Tabella 1b*

**OBBLIGAZZJONIJIET**

**Stokks u aġġustament ta' rivalutazzjoni (inklużi aġġustament tar-rata tal-kambju) jew tranżazzjonijiet finanzjarji**

**Dejta li għandha tiġi pprovduta fuq bażi (1) annwali**

| | Total | Stati Membri taż-żona tal-euro/domestiċi minbarra domestiċi (total) | | | | | | | | | | | Il-Bqija Tad-Dinja (total) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | MFIs (S.121 + 122) | Mhux-MFI - Total | | | | | | | | | |
| | | | | | Gvern ġenerali (S.13) | Residenti oħra | | | | | | | |
| | | | | | | Total | Fondi ta' investiment mhux MMF (S.124) | Intermedjarji finanzjarji oħrajn (S.125), awżiljari finanzjarji (S.126), istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u dawk li jisilfu l-flus (S.127) | Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (S.128) | Fondi tal-pensjoni (S.129) | Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11) | Unitajiet domestiċi + istituzzjonijiet bla qligħ li jservu unitajiet domestiċi (S.14 + S.15) (4) | |
| **OBBLIGAZZJONIJNIET (total)** | | | | | | | | | | | | | |
| 10 **Selfiet (ESA 2010: F.4)** | | | | | | | | | | | | | |
| Sa sena | | | | | | | | | | | | | |
| Aktar minn sena u sa ħames snin | | | | | | | | | | | | | |
| Aktar minn ħames snin | | | | | | | | | | | | | |
| 11 **Titoli ta' dejn maħruġa (ESA 2010: F.3)** | | | | | | | | | | | | | |
| 12 **Ekwità (ESA 2010: F.5, F.519)** | | | | | | | | | | | | | |
| 13 **Riservi tekniċi tal-assigurazzjoni (ESA 2010: F.6)** (2) | | | | | | | | | | | | | |
| 13.1 Intitolamenti tal-pensjonijiet (ESA 2010: F.63) | | | | | | | | | | | | | |
| l/m skemi ta' kontribuzzjonijiet definiti | | | | | | | | | | | | | |
| l/m skemi ta' benefiċċju definiti (3) | | | | | | | | | | | | | |
| 13.2 li minnhom pretenzjonijiet ta' fondi ta' pensjoni fuq maniġers tal-pensjonijiet [ESA 2010] F.64) | | | | | | | | | | | | | |
| 3.3 Intitolamenti lil benefiċċji mhux tal-pensjoni (ESA 2010: F.65). | | | | | | | | | | | | | |

▼B

| | Total | Stati Membri taż-żona tal-euro/domestiċi minbarra domestiċi (total) | | | | | | | | | | | Il-Bqija Tad-Dinja (total) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Mhux-MFI - Total | | | | | | | | | |
| | | | | | | Residenti oħra | | | | | | | |
| | | | MFIs (S.121 + 122) | | Gvern ġenerali (S.13) | Total | Fondi ta' investiment mhux MMF (S.124) | Intermedjarji finanzjarji oħrajn (S.125), awżiljari finanzjarji (S.126), istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u dawk li jisilfu l-flus (S.127) | Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (S.128) | Fondi tal-pensjoni (S.129) | Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11) | Unitajiet domestiċi + istituzzjonijiet bla qligħ li jservu unitajiet domestiċi (S.14 + S.15) (4) | |
| 14 **Derivattivi finanzjarji [ESA 2010: F.71)** | | | | | | | | | | | | | |
| 15 **Kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli (ESA 2010: F.8)** | | | | | | | | | | | | | |
| 16 **A25:A48 Valur nett (ESA 2010: B.90)** | | | | | | | | | | | | | |

(1) Stimi trimestrali li għandhom jiġu pprovduti mill-BĊNi
(2) Riżervi tekniċi totali jistgħu jinkludu assigurazzjoni fuq il-ħajja
(3) Skemi nozzjonali ta' kontribuzzjoni definita u skemi ibridi jinġabru flimkien bħala skemi ta' benefiċċju definit.
(4) Drittijiet relevanti biss għall-unitajiet domestiċi (S.14)

*Tabella 1c*

**TQASSIM SKONT IL-PAJJIŻ**

**Stokks u aġġustament ta' rivalutazzjoni (inklużi aġġustamenti tar-rata tal-kambju) jew tranżazzjonijiet finanzjarji**

▼C1

**Dejta dwar assi li trid tingħata fuq bażi trimestrali u dejta dwar obbligazzjonijiet li trid tingħata fuq bażi annwali (1) annwali**

▼B

| | | Residenti taż-żona tal-euro oħrajn (ħlief domestiċi) | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | BE | DE | EE | IE | EL | ES | FR | IT | CY | LV | LT | LU | MT | NL | AT | PT | SI | SK | FI |
| **ASSI (totali)** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Munita u depożiti** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Titoli ta' dejn (ESA 2010: F.3)** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| maħruġa minn MFIs | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| sa sena | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

(1) Stimi trimestrali li għandhom jiġu pprovduti mill-BĊNi.

▼B

| | Residenti taż-żona tal-euro oħrajn (ħlief domestiċi) | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | BE | DE | EE | IE | EL | ES | FR | IT | CY | LV | LT | LU | MT | NL | AT | PT | SI | SK | FI |
| Iktar minn sena | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| maħruġa minn mhux MFIs | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Gvern Ġenerali | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| sa sena | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Iktar minn sena | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Residenti oħra | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| sa sena | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Iktar minn sena | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Ekwità (ESA 2010: F.51)** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| maħruġa minn MFIs | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| li minnhom ishma kkwotati (ESA 2010: F.511) | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| li minnhom ishma kkwotati (ESA 2010: F. 512) | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| li minnhom ekwità oħra (ESA 2010: F.519) | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| maħruġa minn mhux MFIs | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Gvern Ġenerali | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| li minnhom ishma kkwotati (ESA 2010: F.511) | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| li minnhom ishma kkwotati (ESA 2010: F. 512) | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| li minnhom ekwità oħra (ESA 2010: F.519) | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Residenti oħra | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| li minnhom ishma kkwotati (ESA 2010: F.511) | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

| | Residenti taż-żona tal-euro oħrajn (ħlief domestiċi) | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | BE | DE | EE | IE | EL | ES | FR | IT | CY | LV | LT | LU | MT | NL | AT | PT | SI | SK | FI |
| li minnhom ishma kkwotati (ESA 2010: F. 512) | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| li minnhom ekwità oħra (ESA 2010: F.519) | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Ishma/unitajiet ta' fondi tal-investiment (ESA 2010: F.52)** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **OBBLIGAZZJONIJNIET (total)** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Intitolamenti għal pensjoni (ESA 2010: F. 63)** [1] | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

[1] Stimi trimestrali li għandhom jiġu pprovduti mill-BĊNi

| | Stati Membri li ma jipparteċipawx | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | BG | CZ | DK | HR | HU | PL | RO | SE | ir-Renju Unit |
| **ASSI (totali)** | | | | | | | | | |
| **Munita u depożiti** | | | | | | | | | |
| **Titoli ta' dejn (ESA 2010: F.3)** | | | | | | | | | |
| maħruġa minn MFIs | | | | | | | | | |
| sa sena | | | | | | | | | |
| Iktar minn sena | | | | | | | | | |
| maħruġa minn mhux MFIs | | | | | | | | | |
| Gvern ġenerali | | | | | | | | | |
| sa sena | | | | | | | | | |
| Iktar minn sena | | | | | | | | | |
| Residenti oħra | | | | | | | | | |
| sa sena | | | | | | | | | |
| Iktar minn sena | | | | | | | | | |

▼B

| | | Stati Membri li ma jipparteċipawx | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | BG | CZ | DK | HR | HU | PL | RO | SE | ir-Renju Unit |
| **Ekwità (ESA 2010: F.51)** | | | | | | | | | | |
| maħruġa minn MFIs | | | | | | | | | | |
| li minnhom ishma kkwotati (ESA 2010: F.511) | | | | | | | | | | |
| li minnhom ishma kkwotati (ESA 2010: F. 512) | | | | | | | | | | |
| li minnhom ekwità oħra (ESA 2010: F.519) | | | | | | | | | | |
| maħruġa minn mhux MFIs | | | | | | | | | | |
| Gvern ġenerali | | | | | | | | | | |
| li minnhom ishma kkwotati (ESA 2010: F.511) | | | | | | | | | | |
| li minnhom ishma kkwotati (ESA 2010: F. 512) | | | | | | | | | | |
| li minnhom ekwità oħra (ESA 2010: F.519) | | | | | | | | | | |
| Residenti oħra | | | | | | | | | | |
| li minnhom ishma kkwotati (ESA 2010: F.511) | | | | | | | | | | |
| li minnhom ishma kkwotati (ESA 2010: F. 512) | | | | | | | | | | |
| li minnhom ekwità oħra (ESA 2010: F.519) | | | | | | | | | | |
| **Ishma/unitajiet ta' fondi tal-investiment (ESA 2010: F.52)** | | | | | | | | | | |
| **OBBLIGAZZJONIJNIET (total)** | | | | | | | | | | |
| **Intitolamenti għal pensjoni (ESA 2010: F.63)** (1) | | | | | | | | | | |

(1) Stimi trimestrali li għandhom jiġu pprovduti mill-BĊNi

▼B

| | Kontropartijiet prinċipali barra mill-UE | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Il-Brażil | Il-Kanada | Iċ-Ċina | Ħong Kong | L-Indja | Il-Ġappun | ir-Russja | L-Isvizzera | L-Istati Uniti | L-istituzzjonijiet tal-UE | Organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn | Ċentri finanzjarji offshore (bħala grupp) |
| **ASSI (totali)** | | | | | | | | | | | | |
| **Munita u depożiti** | | | | | | | | | | | | |
| **Titoli ta' dejn (ESA 2010: F.3)** | | | | | | | | | | | | |
| sa sena | | | | | | | | | | | | |
| Iktar minn sena | | | | | | | | | | | | |
| **Ekwità (ESA 2010: F.51)** | | | | | | | | | | | | |
| li minnhom ishma kkwotati (ESA 2010: F.511) | | | | | | | | | | | | |
| li minnhom ishma kkwotati (ESA 2010: F. 512) | | | | | | | | | | | | |
| li minnhom ekwità oħra (ESA 2010: F.519) | | | | | | | | | | | | |
| **Ishma/unitajiet ta' fondi tal-investiment (ESA 2010: F.52)** | | | | | | | | | | | | |
| **OBBLIGAZZJONIJIET (total)** | | | | | | | | | | | | |
| **Intitolamenti għal pensjoni (ESA 2010: F.63)** [1] | | | | | | | | | | | | |

[1] Stimi trimestrali li għandhom jiġu pprovduti mill-BĊNi

▼B

*Tabella 2*

**It-tagħrif statistiku meħtieġ titolu b'titolu**

It-tagħrif statistiku għall-oqsma fit-Tabella 2.1 u t-Tabella 2.2 għandu jiġi rrapportat għal kull titolu kklassifikat taħt il-kategoriji "titoli ta' debitu", "ekwità" u "ishma/unitajiet ta' fondi ta' investiment" (kif iddefinit fl-Anness II, Parti 1, Tabella A). Filwaqt li t-Tabella 2.1 tirreferi għal titoli li ġew assenjati kodiċi ISIN, it-Tabella 2.2 tirreferi għal titoli mingħajr kodiċi ISIN.

*Tabella 2.1:* **Investimenti f'titoli b'kodiċi ISIN**

It-tagħrif statistiku għall-oqsma għandua jiġi rrapportat għal kull titolu skont ir-regoli li ġejjin:

1. It-tagħrif statistiku għall-qasam 1 għandha tiġi rrapportata.

2. Jekk il-BĊN relevanti ma jiġborx direttament informazzjoni titolu b'titolu dwar tranżazzjonijiet, it-tagħrif statistiku għal tnejn mit-tliet oqsma 2, 3 u 4 għandha tiġi rrapportata (jiġifieri l-oqsma 2 u 3; l-oqsma 2 u 4; jew l-oqsma 3 u 4). Jekk jinġabar it-tagħrif statistiku għall-qasam 3, irid jinġabar ukoll it-tagħrif statistiku għall-qasam 3b.

3. Jekk il-BĊN relevanti jiġbor direttament informazzjoni titolu b'titolu dwar tranżazzjonijiet, irid jiġi rrappurtat ukoll it-tagħrif statistiku għall-oqsma li ġejjin:

   (a) qasam 5; jew oqsma 6 u 7; u

   (b) qasam 4; jew oqsma 2 u 3.

4. Il-BĊN relevanti jista' jitlob ukoll lill-aġenti li jirrapportaw biex jirrapportaw it-tagħrif statistiku għall-oqsma 8, 9, 10 u 11.

5. Il-BĊN rilevanti għandu jiżgura li l-kopertura bbażata fuq it-tagħrif statistiku pprovdut tkun 95 % tat-titoli bil-kodiċijiet ISIN iżda l-BĊN mhux meħtieġ iżid il-popolazzjoni li tirrapporta b'assi totali fejn jingħataw derogi skont l-Artikolu 7.

| Qasam | Titolu |
|---|---|
| 1 | Kodiċi ISIN |
| 2 | Numru ta' unitajiet jew ammont nominali aggregat |
| 3 | Prezz |
| 3b | Bażi ta' kwotazzjoni |
| 4 | Ammont totali tal-valur fis-suq |
| 5 | Tranżazzjonijiet finanzjarji |
| 6 | Titoli mixtrija (assi) jew maħruġa (obbligazzjonijiet) |
| 7 | Titoli mibjugħa (assi) jew mifdija (obbligazzjonijiet) |
| 8 | Munita li fiha huwa rreġistrat it-titolu |
| 9 | Bidliet oħra fil-volum b'valur nominali |
| 10 | Bidliet oħra fil-volum b'valur tas-suq |
| 11 | Investiment f'portafoll jew investiment dirett |

▼B

*Tabella 2.2:* **Investimenti f'titoli mingħajr kodiċi ISIN**

It-tagħrif statistiku għal kull qasam għandu jiġi rrappurtat jew: (a) għal kull titolu; jew (b) billi jiġu aggregati kwalunkwe numru ta' titoli bħala oġġett wieħed.

Fil-każ ta' (a) japplikaw ir-regoli li ġejjin:

1. Għandu jiġi rrappurtat it-tagħrif statistiku għall-oqsma 1, 12, 13, 14, 15 u 17.

2. Jekk il-BĊN relevanti ma jiġborx direttament it-tagħrif statistiku titolu b'titolu dwar tranżazzjonijiet, it-tagħrif statistiku għal tnejn mit-tliet oqsma 2, 3 u 4 għandu jiġi rrappurtat (jiġifieri l-oqsma 2 u 3; l-oqsma 2 u 4; jew l-oqsma 3 u 4).

3. Jekk il-BĊN relevanti jiġbor direttament informazzjoni titolu b'titolu dwar tranżazzjonijiet, irid jiġi rrappurtat ukoll it-tagħrif statistiku għall-oqsma li ġejjin:

   (a) qasam 5; jew oqsma 6 u 7; u

   (b) qasam 4; jew oqsma 2 u 3.

4. Jekk jinġabar it-tagħrif statistiku għall-qasam 3, irid jinġabar ukoll it-tagħrif statistiku għall-qasam 3b.

5. Il-BĊN relevanti jista' jitlob ukoll lill-aġenti li jirrapportaw biex jirrapportaw it-tagħrif statistiku għall-oqsma 3b, 8, 9, 10 u 11.

Fil-każ ta' (b) japplikaw ir-regoli li ġejjin:

1. Għandu jiġi rrappurtat it-tagħrif statistiku għall-oqsma 4, 12, 13, 14 u 15.

2. Għandu jiġi rrappurtat it-tagħrif statistiku għall-qasam 5 jew għall-oqsma 10 u 16.

3. Il-BĊN relevanti jista' jitlob ukoll lill-aġenti li jirrapportaw biex jirrapportaw it-tagħrif statistiku għall-oqsma 8, 9 u 11.

| Qasam | Titolu |
|---|---|
| 1 | Kodiċi għall-identifikazzjoni tat-titolu |
| 2 | Numru ta' unitajiet jew valur nominali aggregat |
| 3 | Prezz |
| 3b | Bażi ta' kwotazzjoni |
| 4 | Ammont totali tal-valur fis-suq |
| 5 | Tranżazzjonijiet finanzjarji |
| 6 | Titoli mixtrija (assi) jew maħruġa (obbligazzjonijiet) |
| 7 | Titoli mibjugħa (assi) jew mifdija (obbligazzjonijiet) |
| 8 | Munita li fiha huwa rreġistrat it-titolu |
| 9 | Bidliet oħra fil-volum b'valur nominali |
| 10 | Bidliet oħra fil-volum b'valur tas-suq |
| 11 | Investiment f'portafoll jew investiment dirett |

▼B

| Qasam | Titolu |
|---|---|
| 12 | Strument:<br>— Titoli ta' dejn (F.3)<br>— Ekwità (F.51)<br>— li minnhom ishma kkwotati (F.511)<br>— li minnhom ishma mhux kkwotati (F.512)<br>— li minnhom ekwità oħra (F.519)<br>— Ishma/unitajiet ta' fond ta' investiment (F.52)<br>— li minnhom ishma jew unitajiet f'fond tas-suq tal-flus (MMF) (F.521)<br>— li minnhom ishma/unitajiet f'fond ta' investiment mhux ta' MMF (F.522) |
| 13 | Data ta' ħruġ u data ta' maturità għal titoli ta dejn. Alternattivament, rendikont skont il-kategoriji ta' maturità kif ġej: maturità oriġinali sa sena, minn sena sa sentejn, aktar minn sentejn u l-kumplament tal-maturità sa sena, bejn sena u sentejn, sentejn sa ħames snin, aktar minn ħames snin. |
| 14 | Settur jew sottosettur tal-emittent:<br>— Bank ċentrali (S.121);<br>— Korporazzjoniet li jaċċettaw id-depożiti għajr għall-bank ċentrali (S.122)<br>— Fondi ta' suq tal-flus (S.123)<br>— Fondi ta' investiment li mhumiex MMF (S.124)<br>— Intermedjarji finanzjarji oħrajn, minbarra korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjonijiet; awżiljarji finanzjarji; u istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u selliefa tal-flus (S.125 + S.126 + S.127)<br>— Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (S.128)<br>— Fondi tal-pensjoni (S.129)<br>— Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11)<br>— Gvern ġenerali (S.13)<br>— Unitajiet domestiċi u istituzzjonijiet li m'għandhomx skop ta' qligħ li jservu unitajiet domestiċi (S.14 + S.15) (1) |
| 15 | Pajjiż emittent |
| 16 | Aġġustamenti ta' rivalutazzjoni |
| 17 | Data tal-qasma (2) u fattur tal-qasma (3) |

(1) Il-BĊN relevanti jista' jeħtieġ lill-aġenti li jirrapportaw attwali biex jidentifikaw separatament is-subsetturi "unitajiet domestiċi" (S.14) u "istituzzjonijiet li ma għandhomx skop ta' qligħ li jservu lil unitajiet domestiċi" (S.15).

(2) Id-data tal-qasma hija d-data li fiha seħħet l-aħħar qasma tal-istokk jew qasma b'lura. Il-qasmiet tal-ishma huma operazzjonijiet li jaqsmu l-ishma eżistenti, b'hekk inaqqsu l-prezz tal-ishma u jżidu l-għadd ta' ishma disponibbli fis-suq fl-istess proporzjon. Il-qasmiet b'lura jżidu l-prezz tal-ishma u jnaqqsu n-numru ta' ishma disponibbli fis-suq fl-istess proporzjon.

(3) Il-fattur tal-qasma huwa kkalkulat bħala n-numru ta' ishma wara l-qasma diviż bin-numru ta' ishma qabel il-qasma.

▼B

*Tabella 3*

**Numru ta' membri ta' skema tal-pensjonijiet**

**Dejta li għandha tiġi pprovduta fuq bażi annwali - Dejta tal-aħħar tas-sena**

| | Total | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Li minnhom: membri attivi | Li minnhom: membri differiti | Li minnhom: membri rtirati |
| **Numru ta' membri** | | | | |

▼B

*ANNESS II*

**DESKRIZZJONIJIET**

PARTI 1

***Deskrizzjonijiet ta' kategoriji ta' strumenti***

1. Din it-tabella tipprovdi deskrizzjoni dettaljata u standard tal-kategoriji tal-istrumenti li l-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) għandhom jittrasponu fil-kategoriji nazzjonali tagħhom skont dan ir-Regolament. La l-lista ta' strumenti finanzjarji individwali fit-tabella u lanqas id-deskrizzjonijiet korrispondenti tagħhom ma huma intiżi li jkunu eżawrjenti. Id-deskrizzjonijiet jirreferu għas-sistema Ewropea ta' kontijiet stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 549/2013 (iktar 'il quddiem l-"ESA 2010").

2. Għal uħud mill-kategoriji ta' strumenti, huma meħtieġa klassifikazzjonijiet skont il-maturità. Dawn jirreferu għall-maturità oriġinali, jiġifieri l-maturità mal-ħruġ, li huwa l-perijodu fiss tal-ħajja ta' strument finanzjarju li qablu ma jistax jinfeda, eż. titoli ta' dejn, jew li qablu jista' jinfeda biss b'penali, eż. xi tipi ta' depożiti;

3. Tista' ssir distinzjoni bejn pretensjonijiet finanzjarji skont jekk ikunux negozjabbli jew le. Pretensjoni tkun negozjabbli jekk is-sjieda tagħha tkun faċilment tista' tiġi trasferita minn unità għal oħra b'konsenja jew approvazzjoni jew tkun paċuta fil-każ ta' derivattivi finanzjarji. Filwaqt li kwalunkwe strument finanzjarju jista' potenzjalment jiġi nnegozjat, l-istrumenti negozjabbli huma mfassla biex ikunu nnegozjati permezz ta' borża organizzata jew barra l-borża, minkejja li jekk attwalment ikunux innegozjati mhix kundizzjoni neċessarja għan-negozjabbiltà.

*Tabella A*

**Deskrizzjoni ta' kategoriji ta' strumenti fl-assi u l-obbligazzjonijiet ta' korporazzjonijiet ta' fondi tal-pensjonij**

ASSI

| Kategorija ta' strumenti | Deskrizzjoni tal-karatteristiċi ewlenin |
|---|---|
| 1. Valuta u depożiti | Investimenti f'karti tal-flus u muniti tal-euro u ta' karti tal-flus barranin fiċ-ċirkolazzjoni li jintużaw b'mod komuni sabiex isiru ħlasijiet u depożiti li jsiru mill-fond tal-pensjoni (PF) ma' istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM). Dawn jistgħu jinkludu depożiti ta' matul il-lejl, depożiti b'maturità miftiehma u depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż, kif ukoll pretensjonijiet taħt retroriakkwisti jew teħid ta' titoli b'self kontra kollaterali fi flus kontanti (dan japplika biss jekk il-kontroparti hija korporazzjoni li tieħu d-depożiti (ESA 2010, paragrafu 5.130)). |
| 1.1 Depożiti trasferibbli | Depożiti trasferibbli huma depożiti li huma trasferibbli direttament fuq talba biex jagħmlu ħlasijiet lil aġenti ekonomiċi oħra permezz ta' mezzi ta' ħlas użati normalment, bħal trasferiment ta' kreditu u debitu dirett, possibbilment ukoll permezz ta' karta ta' kreditu jew ta' debitu, tranżazzjonijiet ta' flus elettroniċi, ċekkijiet, jew mezzi simili, mingħajr dewmien sinifikanti, restrizzjoni jew penali. Depożiti li jistgħu jintużaw biss għal ġbid ta' flus, u/jew depożiti li minnhom jistgħu jinġibdu jew jiġu ttrasferiti flus permezz ta' kont ieħor tal-istess sid, m'għandhomx jiddaħħlu bħala depożiti trasferibbli. |
| 2. Titoli ta' dejn | Investimenti f'titoli ta dejn, li huma strumenti finanzjarji negozjabbli li jservu bħala prova ta' dejn, normalment jiġu nnegozjati fis-swieq sekondarji. Dawn jistgħu jiġu paċuti wkoll fuq is-suq u ma jagħtu ebda dritt ta' proprjetà lid-detentur kontra l-istituzzjoni ta-ħruġ.<br><br>Din il-kategorija tinkludi:<br><br>— investimenti f'titoli li jagħtu lid-detentur id-dritt mingħajr kundizzjoni għal qligħ fiss jew qligħ stabbilit b'kuntratt fil-forma ta' pagamenti ta' ċedoli u/jew ta' somma fissa stabbilita minn qabel f'data jew dati speċifiċi, jew li tibda minn data stabbilita fil-ħin tal-ħruġ;<br><br>— self li jkun sar negozjabbli f'suq organizzat, jiġifieri self innegozjat, sakemm ikun hemm prova ta' kummerċ f'suq sekondarju, inkluża l-eżistenza ta' ġeneraturi tas-suq, u l-ipprezzar frekwenti tal-ass finanzjarju, bħal dik ipprovduta minn bid-offer spreads. Meta dawn il-kriterji ma jkunux sodisfatti, dawn għandhom ikunu kklassifikati taħt il-kategorija ta' strumenti 3 "Self" (ara wkoll "self innegozjat" taħt l-istess kategorija); |

▼B

| Kategorija ta' strumenti | Deskrizzjoni tal-karatteristiċi ewlenin |
|---|---|
| | — debitu subordinat fil-forma ta' titoli ta' dejn (ara ukoll "debitu subordinat fil-forma ta' depożiti jew self" fil-kategorija 3 "Self").<br>Titoli mislufa taħt operazzjonijiet ta' self ta' titoli jew mibjugħa taħt ftehim ta' xiri mill-ġdid jibqgħu fuq il-karta tal-bilanċ tas-sid oriġinali (u ma għandhomx jiġu rreġistrati fil-karta tal-bilanċ tal-akkwirent temporanju) meta jkun hemm impenn sod li tinqeleb l-operazzjoni, u mhux sempliċement għażla biex isir dan. Meta l-akkwirent temporanju jbiegħ it-titoli rċevuti, dan il-bejgħ għandu jitniżżel bħala tranżazzjoni ċara f'titoli u jiddaħħal fil-karta tal-bilanċ tal-akkwirent temporanju bħala pożizzjoni negattiva fil-portafoll tat-titoli. |
| 3. Self | Għall-finijiet tal-iskema ta' rappurtar, din il-kategorija tikkonsisti f'fondi mislufa minn PFs lil mutwatarji, jew self akkwistat minn PFs, li tagħhom ikun hemm prova permezz ta' dokumenti mhux negozjabbli jew inkella ma jkunx hemm prova b'dokumenti.<br>Din tinkludi dawn il-partiti:<br>— investimenti f'titoli ta' dejn li ma humiex negozjabbli: investimenti f'titoli ta' dejn li mhumiex negozjalli u li ma jistgħux jiġu nnegozjati u ma jistgħux jiġu nnegozjati fi swieq sekondarji;<br>— self innegozjat: self li *de facto* jkun sar negozjabbli huwa kklassifikat taħt il-kategorija "Self" kemm-il darba ma jkun hemm ebda evidenza ta' negozjar f'suq sekondarju. Inkella jiġu kklassifikati bħala titoli ta' dejn (kategorija 2);<br>— dejn subordinat fil-forma ta' self: strumenti ta' dejn subordinat jipprovdu pretensjoni sussidjarja kontra l-istituzzjoni emittenti li tista' tiġi eżerċitata biss wara li jkunu ġew sodisfatti l-pretensjonijiet kollha bi status ogħla, biex b'hekk jingħatawlhom xi wħud mill-karatteristiċi ta' ekwità. Għal finijiet ta' statistika, dejn subordinat jiġi kklassifikat bħala "self" jew bħala "titoli ta' dejn" skont in-natura tal-istrument finanzjarju. Meta investimenti ta' PF ta' kull forma ta' dejn subordinat ikunu identifikati bħala ċifra unika għal skopijiet statistiċi, din iċ-ċifra trid tiġi klassifikata taħt il-kategorija "titoli ta' dejn", fuq il-bażi li debitu subordinat huwa kkostitwit b'mod predominanti fil-forma ta' titoli ta' dejn, aktar milli bħala self;<br>— pretensjonijiet taħt retroriakkwisti jew self ta' titoli kontra kollateral fi flus kontanti (dan japplika biss jekk il-kontroparti mhix korporazzjoni li tieħu d-depożiti (ESA 2010, paragrafu 5.130); kontroparti ta' flus kontanti mħallsa bi skambju għal titoli mixtrija minn aġenti li jirrapportaw bi prezz mogħti taħt impenn fiss li jinbiegħu mill-ġdid l-istess titoli jew titoli simili bi prezz fiss f'data futura speċifikata, jew self ta' titoli kontra kollateral fi flus.<br>Din il-kategorija teskludi assi fil-forma ta' depożiti li jsiru minn PFs (li huma inklużi fil-kategorija 1). |
| 4. Ekwità | Assi finanzjarji li jirrappreżentaw drittijiet ta' proprjetà f'korporazzjonijiet jew kważi-korporazzjonijiet. Assi finanzjarji bħal dawn ġeneralment jintitolaw lid-detenturi għal sehem mill-profitti tal-korporazzjonijiet jew kważikorporazzjonijiet u għal sehem mill-assi netti tagħhom fil-każ ta likwidazzjoni.<br>Din il-kategorija tinkludi ishma kkwotati u mhux ikkwotati u ekwità oħra.<br>Titoli ta' ekwità mislufa taħt operazzjonijiet ta' self ta' titoli jew mibjugħa taħt ftehim ta' riakkwist, jiġu ttrattati b'mod konformi mal-kategorija 2 "Titoli ta' dejn". |
| 4.1 Ishma kkwotati | It-titoli ta' ekwità kkwotati f'borża. Din il-borża tista' tkun borża rikonoxxuta jew kwalunkwe forma oħra ta' suq sekondarju. L-ishma kkwotati huma wkoll imsejħin ishma kkwotati fil-borża. |
| 4.2 Ishma mhux ikkwotati | L-ishma mhux ikkwotati huma titoli ta' ekwità mhux ikkwotati f'borża. |
| 4.3. Ekwità oħra | Ekwità oħra tinkludi kull forma ta' ekwità minbarra ishma elenkati u ishma mhux elenkati. |
| 5. Ishma/unitajiet ta' fond ta' investiment | Din il-kategorija tinkludi investimenti f'ishma jew unitajiet maħruġa minn fondi tas-suq monetarju (MMFs) u fondi ta' investiment li mhumiex MMF (jiġifieri fondi ta' investiment apparti MMFs). |

▼B

| Kategorija ta' strumenti | Deskrizzjoni tal-karatteristiċi ewlenin |
|---|---|
| 5.1 Ishma/unitajiet ta' MMF | Investimenti f'ishma jew unitajiet maħruġa minn MMFs kif iddefiniti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33). |
| 5.2 Ishma/unitajiet mhux MMF | Investimenti f'ishma jew unitajiet maħruġa minn fondi ta' investiment (FI) apparti MMFs kif iddefiniti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1073/2013 (BĊE/2013/38). |
| 6. Riżervi ta' fond tal-pensjoni | Din il-kategorija tinkludi:<br>— Pretensjonijiet ta' PFs dwar maniġers tal-pensjoni kif iddefiniti fl-ESA 2010, paragrafi 5.186 u 17.78;<br>— pretensjonijiet finanzjarji ta' PFs kontra korporazzjonijiet ta' riassigurazzjoni konnessi ma' riżervi tal-pensjoni (li jistgħu jiġu rkuprati bir-riassigurazzjoni). |
| 7. Derivattivi finanzjarji | Derivattivi finanzjarji huma strumenti finanzjarji li huma marbuta ma' strument finanzjarju, indikatur jew kommoditá speċifikati, li permezz tagħhom riskji finanzjarji speċifiċi jistgħu jkunu nnegozjati fi swieq finanzjarji *per se*.<br>Din il-kategorija tinkludi:<br>— opzjonijiet<br>— liċenzji (warrants),<br>— futures,<br>— forwards,<br>— swaps,<br>— derivattivi tal-kreditu.<br>Id-derivattivi finanzjarji huma rreġistrati bil-valur tas-suq fuq il-karta tal-bilanċ fuq bażi grossa. Kuntratti individwali ta' derivattivi b'valuri tas-suq pożittivi għandhom jitniżżlu fuq in-naħa tal-attiv tal-karta tal-bilanċ, u l-kuntratti b'valuri tas-suq negattivi fuq in-naħa tal-passiv tal-karta tal-bilanċ.<br>Rabtiet futuri grossi li joħorġu minn kuntratti ta' derivattivi m'għandhomx jiddaħħlu bħala partiti ta' fuq il-karta tal-bilanċ.<br>Ir-reżidwi finanzjarji jistgħu jiġu rreġistrati fuq bażi netta skont il-metodi ta' valutazzjoni differenti. Fil-każ li jkunu disponibbli biss pożizzjonijiet netti, jew li l-pożizzjonijiet ma jiġux irreġistrati skont il-valur tas-suq imma b'valuri oħra, dawn il-pożizzjonijiet għandhom jiġu rrapportati minflok.<br>Din il-kategorija ma tinkludix derivattivi finanzjarji li ma humiex soġġetti għal reġistrazzjoni fuq il-karta tal-bilanċ skont ir-regoli nazzjonali. |
| 8. Kontijiet oħra riċevibbli/ pagabbli | Din hija l-partita residwa fuq in-naħa tal-assi tal-karta tal-bilanċ, iddefinita bħala "assi mhux inklużi x'imkien ieħor". Il-BĊNi jistgħu jeħtieġu li jiġu rrapportati subpożizzjonijiet speċifiċi inklużi taħt din il-kategorija, bħal:<br>— dividendi riċevibbli;<br>— imgħax akkumulat riċevibbli fuq id-depożiti;<br>— imgħax akkumulat riċevibbli fuq self;<br>— imgħax akkumulat fuq investimenti f'titoli ta' dejn;<br>— imgħax akkumulat fuq kera riċevibbli;<br>— ammonti riċevibbli li mhumiex relatati man-negozju prinċipali tal-PF. |
| 9. Assi mhux finanzjarji | Assi tanġibbli jew intanġibbli minbarra assi finanzjarji.<br>Din il-kategorija tinkludi residenzi, binjiet u strutturi oħrajn, makkinarju u tagħmir, oġġetti prezzjużi, prodotti tal-proprjetà intellettwali bħal programmi tal-kompjuter u databases. |

▼B

OBBLIGAZZJONIJIET

| Kategoriji ta' strumenti | Deskrizzjoni tal-karatteristiċi ewlenin |
|---|---|
| 10. Self irċevut | Ammonti dovuti lil kredituri mill-PF, minbarra dawk li jirriżultaw mill-ħruġ ta' titoli negozjabbli. Din il-kategorija tikkonsisti f'dawn li ġejjin:<br>— self: self mogħti lill-PFs li tagħhom ikun hemm prova permezz ta' dokumenti mhux negozjabbli jew li tagħhom ma jkunx hemm prova permezz ta' dokumenti,<br>— riakkwisti u operazzjonijiet tat-tip ta' riakkwisti kontra kollateral fi flus kontanti: kontroparti ta' flus kontanti rċevuti bi skambju għal titoli mibjugħa mill-PF bi prezz miftiehem taħt rabta soda biex l-istess titoli (jew simili) jerġgħu jinxtraw bi prezz fiss f'data speċifikata aktar 'il quddiem. Ammonti rċevuti mill-PF bi skambju għal titoli ttrasferiti lil parti terza (l-"akkwirent temporanju") għandhom jiġu kklassifikati hawnhekk meta jkun hemm rabta soda biex jinqaleb l-operat u mhux sempliċement għażla biex isir dan. Dan jimplika li l-PF iżomm ir-riskji u l-benefiċċji kollha tat-titoli sottostanti matul l-operazzjoni;<br>— kollateral fi flus kontanti riċevuti fi skambju għal self ta' titoli: ammonti rċevuti bi skambju għal titoli ittrasferiti temporanjament lil parti terza fil-forma ta' self ta' titoli kontra kollateral fi flus kontanti,<br>— kollateral fi flus kontanti riċevuti f'operazzjonijiet li jinvolvu t-trasferiment temporanju ta' deheb kontra kollateral. |
| 11. Titoli ta' dejn maħruġin: | Titoli maħruġa mill-PF, minbarra ekwità, li huma strumenti normalment negozjabbli u nnegozjati fi swieq sekondarji jew li jistgħu jiġu paċuti fis-suq u li ma jagħtu ebda drittijiet ta' proprjetà lid-detentur fuq l-istituzzjoni emittenti. |
| 12. Ekwità | Ara l-kategorija 4 |
| 13. Riżervi tekniċi | L-ammont ta' kapital li l-PF iżomm sabiex jissodisfa l-pretenzjonijiet tal-pensjoni futuri tad-detenturi tal-polza tagħha. |
| 13.1 li minnhom drittijiet għal pensjoni | L-ammont ta' kapital li l-PF iżomm sabiex jissodisfa l-pretenzjonijiet futuri tal-iskemi tal- pensjoni tiegħu. |
| Drittijiet għal pensjoni l/m skemi ta' kontribuzzjonijiet iddefiniti | L-ammont ta' kapital li l-PF iżomm sabiex jissodisfa l-pretenzjonijiet futuri tal-pensjoni tad-detenturi tal-poloz tal-iskema b'kontribuzzjoni ddefinita tiegħu.<br>Fi skema b'kontribuzzjoni ddefinita, il-benefiċċji mħallsa jiddependu mir-rendiment tal-assi akkwistati mill-iskema tal-pensjoni. Il-passiv ta' skema b'kontribuzzjoni ddefinita hu l-valur tas-suq attwali tal-assi tal-fond. |
| Drittijiet għal pensjoni l/m skemi ta' benefiċċju ddefinit | L-ammont ta' kapital li l-PF iżomm sabiex jissodisfa l-pretenzjonijiet futuri tal-pensjoni tad-detenturi tal-poloz tal-iskema b'benefiċċju ddefinit tiegħu.<br>Fi skema tal-pensjoni b'benefiċċju ddefinit, il-livell tal-benefiċċji tal-pensjoni mwiegħda lil impjegati parteċipanti jiġi determinat b'formola miftiehma minn qabel. Il-passiv ta' skema tal-pensjoni ta' benefiċċju ddefinit huwa ugwali għall-valur preżenti tal-benefiċċji mwiegħda.<br>L-iskemi nozzjonali ta' kontribuzzjoni ddefinita u l-iskemi ibridi jinġabru flimkien bħala skemi ta' benefiċċju ddefiniti (ESA 2010, paragrafu 17.59). Skema nozzjonali ta' kontribuzzjoni ddefinita hija simili għal skema ta' kontribuzzjoni ddefinita iżda b'ammont minimu garantit pagabbli. L-iskemi ibridi huma dawk l-iskemi li għandhom kemm element ta' benefiċċju ddefinit kif ukoll wieħed ta' kontribuzzjoni ddefinita. Skema hija kklassifikata bħala "ibrida" jew għaliex ikunu preżenti kemm dispożizzjonijiet ta' benefiċċju ddefinit kif ukoll ta' kontribuzzjoni ddefinita jew għaliex fiha skema nozzjonali ta' kontribuzzjoni ddefinita u, fl-istess ħin, benefiċċju ddefinit jew dispożizzjoni ta' kontribuzzjoni ddefinita. |
| 13.2 Pretensjonijiet ta' fondi tal-pensjonijiet fuq maniġers tal-pensjoni | Ara l-kategorija 6 |

▼B

| Kategoriji ta' strumenti | Deskrizzjoni tal-karatteristiċi ewlenin |
|---|---|
| 13.3 Intitolamenti għal benefiċċji mhux tal-pensjoni | Dan huwa l-eċċess tal-kontribuzzjonijiet netti fuq il-benefiċċji, li jirrappreżenta żieda fir-responsabbiltà tal-iskema tal-assigurazzjoni lejn il-benefiċjarji (ddefinita fl-ESA 2010, paragrafu 5.187). |
| 14. Derivattivi finanzjarji | Ara l-kategorija 7 |
| 15. Kontijiet oħra riċevibbli/ pagabbli | Din hija l-partita residwa fuq in-naħa tal-passiv tal-karta tal-bilanċ, iddefinita bħala "obbligazzjonijiet mhux inklużi x'imkien ieħor". Il-BĊNi jistgħu jeħtieġu li jiġu rrapportati subpożizzjonijiet speċifiċi inklużi taħt din il-kategorija, bħal:<br>— ammonti pagabbli mhux relatati man-negozju prinċipali tal-PF, jiġifieri ammonti dovuti lil fornituri, taxxi, pagi, kontribuzzjonijiet soċjali, eċċ.;<br>— dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw responsabbiltajiet kontra partijiet terzi, jiġifieri pensjonijiet, dividendi, eċċ.;<br>— pożizzjonijiet netti li joħorġu mis-self ta' titoli mhux garantiti bi flus kontanti;<br>— ammonti netti pagabbli fir-rigward ta' settlements futuri ta' tranżazzjonijiet f'titoli;<br>— imgħax akkumulat pagabbli fuq self; |
| 16. Valur nett | Din hija l-partita ta' bilanċ tal-karta tal-bilanċ (B.90) (ESA 2010, paragrafu 7.02). L-istokk tal-assi u l-obbligazzjonijiet irreġistrati fil-karta tal-bilanċ huma vvalutati bil-prezzijiet xierqa, li normalment huma l-prezzijiet tas-suq prevalenti fid-data li għaliha tirrelata l-karta tal-bilanċ. Fi skema tal-pensjoni ta' benefiċċju ddefinit, madankollu, il-livell tal-benefiċċji tal-pensjoni mwiegħda lil impjegati parteċipanti jiġi determinat b'formola miftiehma minn qabel. Ir-responsabbiltà ta' skema ta' pensjoni ta' benefiċċju ddefinit hija ugwali għall-valur preżenti tal-benefiċċji mwiegħda, u għalhekk fi skema ta' pensjoni ta' benefiċċju ddefinit il-valur nett jista' jkun differenti minn żero.<br>Fi skema ta' kontribuzzjoni ddefinita, il-benefiċċji mħallsa jiddependu mir-rendiment tal-assi akkwistati mill-iskema tal-pensjoni. Il-passiv ta' skema b'kontribuzzjoni ddefinita hu l-valur tas-suq attwali tal-assi tal-fond. Il-valur nett tal-fond ikun dejjem żero. |

PARTI 2

***Deskrizzjonijiet ta' attributi titolu b'titolu***

*Tabella B*

**Deskrizzjonijiet ta' attributi titolu b'titolu**

| Qasam | Deskrizzjoni |
|---|---|
| Kodiċi għall-identifikazzjoni tat-titolu | Kodiċi li tidentifika titolu b'mod uniku, soġġett għall-istruzzjonijiet tal-BĊN (eż. in-numru ta' identifikazzjoni tal-BĊN, CUSIP, SEDOL). Dan il-kodiċi għandu jinżamm konsistenti tul iż-żmien. |
| Numru ta' unitajiet jew ammont nominali aggregat | Numru ta' unitajiet ta' titolu, jew ammont nominali aggregat fil-każ li t-titolu huwa nnegozjat f'ammonti aktar milli f'unitajiet, eskluż imgħax akkumulat. |
| Prezz | Prezz tas-suq għal kull unità ta' titolu, jew perċentwal tal-ammont nominali aggregat fil-każ li t-titolu huwa nnegozjat f'ammonti aktar milli f'unitajiet. Il-BĊNi jistgħu jitolbu wkoll li l-imgħax akkumulat ikun irrapportat taħt din il-pożizzjoni. |
| Bażi ta' kwotazzjoni | Jindika kif inhu kkwotat it-titolu, bħala perċentwali jew f'unitajiet |

▼B

| Qasam | Deskrizzjoni |
|---|---|
| Ammont totali | Valur tas-suq totali ta' titolu Fil-każ ta' titoli li huma nnegozjati f'unitajiet, dan l-ammont huwa l-istess daqs in-numru ta' titoli multiplikat bil-prezz għal kull unità. Meta t-titoli jkunu nnegozjati f'ammonti aktar milli f'unitajiet, dan l-ammont huwa l-istess daqs l-ammont nominali aggregat immultiplikat bil-prezz imfisser bħala persentaġġ tal-ammonti nominali.<br>Il-BĊNi jistgħu fil-prinċipju jitolbu li l-imgħax akkumulat ikun irrapportat jew taħt din il-pożizzjoni jew inkella separatament. Madankollu, il-BĊNi jistgħu fid-diskrezzjoni tagħhom jitolbu t-tagħrif statistiku li jeskludi imgħax akkumulat. |
| Tranżazzjonijiet finanzjarji | Is-somma tax-xiri wara li jitnaqqsu l-bejgħ (titoli fuq in-naħa tal-assi) jew l-emissjonijiet wara li jitnaqqsu l-fidjiet (titoli fuq in-naħa tal-passiv) ta' titolu rreġistrat bil-valur tat-tranżazzjoni f'euro. |
| Titoli mixtrija (assi) jew maħruġa (obbligazzjonijiet) | Is-somma tax-xiri (titoli fuq in-naħa tal-assi) jew emissjonijiet (titoli fuq in-naħa tal-passiv) ta' titolu rreġistrat bil-valur tat-tranżazzjoni. |
| Titoli mibjugħa (assi) jew mifdija (obbligazzjonijiet) | Is-somma tal-bejgħ (titoli fuq in-naħa tal-assi) jew fidi (titoli fuq in-naħa tal-passiv) ta' titolu rreġistrat bil-valur tat-tranżazzjoni. |
| Munita tar-reġistrazzjoni tat-titolu | Kodiċi ISO jew ekwivalenti tal-munita użata biex tfisser il-prezz u/jew l-ammont pendenti tat-titolu. |
| Bidliet oħra fil-volum b'valur nominali | Bidliet oħrajn fil-volum tat-titolu miżmum, bil-valur nominali fil-valuta/unità nominali jew f'euro. |
| Bidliet oħra fil-volum b'valur tas-suq | Bidliet oħrajn fil-volum tat-titolu miżmum, bil-valur tas-suq f'euro. |
| Investiment f'portafoll jew investiment dirett | Il-funzjoni tal-investiment skont il-klassifikazzjoni tiegħu fl-istatistika tal-bilanċ tal-ħlasijiet ([1]). |
| Pajjiż emittent | Ir-residenza tal-emittent Fil-każ ta' ishma/unitajiet ta' fond ta' investiment, il-pajjiż emittent jirreferi għall-post fejn il-fond ta' investiment ikun residenti u mhux għar-residenza tal-maniġer tal-fond. |

([1]) Linja Gwida BĊE/2011/23 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-9 ta' Diċembru 2011 dwar ir-rekwiżiti ta' rappurtar statistiku tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-istatistika esterna (ĠU L 65, 3.3.2012, p. 1).

## PARTI 3

***Deskrizzjonijiet tan-numru ta' membri ta' skemi tal-pensjoni***

*Tabella C*

**Deskrizzjonijiet tan-numru ta' membri ta' skemi tal-pensjoni**

| Kategorija | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 1. Numru ta' membri tal-iskemi tal-pensjoni (totali) | In-numru totali ta' membri ta' skemi tal-pensjoni. Dan l-ammont huwa daqs is-somma ta' membri attivi, membri differiti u membri rtirati.<br>Ara l-kategoriji 2, 3 u 4. |
| 2. li minnhom membri attivi | Numru ta' membri attivi tal-iskema tal-pensjoni.<br>Membru attiv huwa membru tal-iskema tal-pensjoni li qed jagħmel kontribuzzjonijiet (u/jew f'isem min qed isiru kontribuzzjonijiet) u qed jakkumula assi jew ikun akkumula assi fil-passat u għadu mhux irtirat. |

▼B

| Kategorija | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 3. li minnhom membri diferiti | Numru ta' membri differiti tal-iskema tal-pensjoni.<br>Membru differit huwa membru tal-iskema tal-pensjoni li m'għadux jikkontribwixxi lil jew jakkumula benefiċċji mill-iskema iżda għadu ma rċeviex benefiċċji ta' irtirar minn dik l-iskema. |
| 4. li minnhom membri rtirati | Numru ta' membri rtirati tal-iskema tal-pensjoni.<br>Membru rtirat huwa membru tal-iskema tal-pensjoni li m'għadux jikkontribwixxi lil jew jakkumula benefiċċji mill-iskema u beda jirċievi benefiċċji ta' irtirar minn dik l-iskema. |

## PARTI 4

### *Deskrizzjonijiet skont is-settur*

L-ESA 2010 tipprovdi l-istandard għall-klassifikazzjoni settorjali. It-Tabella D tipprovdi deskrizzjoni dettaljata ta' dawk is-setturi li l-BĊNi għandhom jittrasponu fil-kategoriji nazzjonali tagħhom skont dan ir-Regolament. Il-kontropartijiet residenti fi Stati Membri taż-żona tal-euro huma identifikati skont is-settur tagħhom b'mod konformi mal-listi miżmuma mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għal finijiet statistiċi u l-gwida għall-klassifikazzjoni statistika tal-kontropartijiet ipprovduta fil-"Manwal dwar is-Settur tal-Istituzzjonijiet Finanzjarji Monetarji u Statistika dwar is-Swieq: Gwida għall-klassifikazzjoni statistika tal-klijenti" tal-BĊE.

*Tabella D*

**Deskrizzjonijiet skont is-settur**

| Settur | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 1. IFM | IFM huma ddefiniti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33). Din it-taqsima tikkonsisti minn BĊNi (S.121), istituzzjonijiet ta' kreditu kif iddefiniti fil-liġi tal-Unjoni, MMFs, istituzzjonijiet finanzjarji oħra li n-negozju tagħhom huwa li jirċievu depożiti u/jew sostituti viċini għal depożiti mingħand entitajiet li mhumiex MFIs u, f'isimhom, tal-anqas f'termini ekonomiċi, jagħtu self u/jew jagħmlu investimenti f'titoli, u istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi li huma prinċipalment involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja fil-forma ta' ħruġ ta' flus elettroniċi (S.122). |
| 2. Gvern ġenerali | Is-settur tal-gvern ġenerali (S.13) jikkonsisti fl-unitajiet istituzzjonali kollha li huma produtturi mhux għas-suq li l-output tagħhom huwa intiż għall-konsum individwali u kollettiv, u li huma ffinanzjati minn pagamenti obbligatorji magħmula minn unitajiet li jappartjenu lil setturi oħra, u l-unitajiet istituzzjonali li huma prinċipalment involuti fir-ridistribuzzjoni tal-introjtu nazzjonali u l-ġid (ESA 2010, paragrafi 2.111 sa 2.113) |
| 3. Intermedjarji finanzjarji oħrajn, minbarra korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni + awżiljarji finanzjarji + istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u selliefa tal-flus | L-intermedjarji finanzjarji oħrajn, minbarra s-subsettur tal-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u tal-fondi ta' pensjonijiet (S.125) jikkonsistu fil-korporazzjonijiet finanzjarji u kważi-korporazzjonijiet kollha li huma involuti prinċipalment fl-intermedjazzjoni finanzjarja jew billi jġarrbu obbligazzjonijiet f'forma oħra minbarra valuta, depożiti (jew sostituti mill-qrib għal depożiti), ishma/unitajiet ta' FI, jew b'rabta ma' assigurazzjoni, pensjonijiet u skemi ta' garanzija standardizzati minn unitajiet istituzzjonali. Korporazzjonijiet finanzjarji vettura kif iddefiniti fir-Regolament (UE) Nru 1075/2013 (BĊE/2013/40) huma inklużi f'dan is-subsettur (ESA 2010, paragrafi 2.86 sa 2.94).<br>Is-sottosettur tal-awżiljari finanzjarji (S.126) jikkonsisti fil-korporazzjonijiet u l-entitajiet bi status kważi ta' korporazzjoni finanzjarji kollha li huma involuti prinċipalment f'attivitajiet marbuta mill-qrib ma' intermedjazzjoni finanzjarja iżda li huma nfushom mhumiex intermedjarji finanzjarji. Dan is-subsettur jinkludi wkoll uffiċċji prinċipali li s-sussidjarji tagħhom huma kollha jew prinċipalment korporazzjonijiet finanzjarji (ESA 2010, paragrafi 2.95 sa 2.97). |

▼B

| Settur | Deskrizzjoni |
|---|---|
| | Is-sottosettur tal-istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u tas-selliefa tal- flus (S.127) jikkonsisti fil-korporazzjonijiet finanzjarji kollha u kważi-korporazzjonijiet li la huma involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja u lanqas ma jipprovdu servizzi awżiljarji finanzjarji, u fejn il-parti l-kbira jew tal-assi tagħhom jew l-obbligazzjonijiet tagħhom mhumiex innegozjati fi swieq miftuħa. Dan is-subsettur jinkludi kumpaniji holding li jżommu livelli ta' ekwità li jagħtuhom kontroll fuq grupp ta' korporazzjonijiet sussidjarji u li l-attività prinċipali tagħhom hija s-sjieda tal-grupp mingħajr ma jipprovdu ebda servizz ieħor lin-negozji li fihom tkun qed tinżamm l-ekwità, jiġifieri, la jamministraw u lanqas ma jiġġestixxu unitajiet oħra (ESA 2010, paragrafi 2.98 u 2.99) |
| 4. FIs mhux MMF | FIs huma ddefiniti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1073/2013 (BĊE/2013/38). Dan is-sottosettur jikkonsisti fl-impriżi kollha ta' investiment kollettiv, ħlief għall-MMFs, li jinvestu f'assi finanzjarji u/jew mhux finanzjarji, sal-punt li l-objettiv ikun l-investiment ta' kapital miġbur mill-pubbliku (S.124). |
| 5. Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni | Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (Ics, S.128) huma ddefiniti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1374/2014 (BĊE/2014/50). |
| 6. Fondi tal-pensjonijiet | PFs kif iddefiniti fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament (S.129). |
| 6.1 Maniġers tal-pensjoni | Maniġer tal-pensjoni kif iddefinit fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament |
| 7. Korporazzjonijiet mhux finanzjarji | Is-settur tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11) jikkonsisti fl-unitajiet istituzzjonali li huma entitajiet legali indipendenti u li huma produtturi tas-suq, u li l-attività prinċipali tagħhom hija l-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi mhux finanzjarji. Dan is-settur jinkludi wkoll kważi-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (ESA 2010, paragrafi 2.45 sa 2.50). |
| 8. Unitajiet domestiċi + istituzzjonijiet li ma għandhomx skop ta' profitt li jservu lill-unitajiet domestiċi | Is-settur tal-unitajiet domestiċi (S.14) jikkonsisti f'individwi jew gruppi ta' individwi bħala konsumaturi u bħala imprendituri li jipproduċu prodotti għas-suq u jipprovdu servizzi finanzjarji u mhux finanzjarji (produtturi għas-suq) sakemm il-produzzjoni ta' prodotti u servizzi ma tkunx imwetqa minn entitajiet separati li huma ttrattati bħala kważi-korporazzjonijiet. Jinkludi wkoll individwi jew gruppi ta' individwi li jipproduċu oġġetti u servizzi mhux finanzjarji esklużivament għal użu finali proprju. Is-settur tal-unitajiet domestiċi jinkludi proprjetarjati uniċi u soċjetajiet mhux inkorporati li mhumiex entitajiet legali indipendenti, minbarra dawk ittrattati bħala kważi-korporazzjonijiet, u li huma produtturi għas-suq (ESA 2010, paragrafi 2.118 sa 2.128).<br><br>Is-settur tal-istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt li jservu lill-unitajiet domestiċi (NPISHs) (S.15) jikkonsisti f'istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt li huma entitajiet legali separati, li jservu lill-unitajiet domestiċi u li huma produtturi privati mhux għas-suq. Ir-riżorsi prinċipali tagħhom huma l-kontribuzzjonijiet volontarji fi flus kontanti jew in natura minn unitajiet domestiċi fil-kapaċità tagħhom bħala konsumaturi, minn pagamenti magħmula minn gvern ġenerali u minn introjtu minn proprjetà (ESA 2010, paragraphs 2.129 u 2.130). |

PARTI 5

***Deskrizzjonijiet ta' tranżazzjonijiet finanzjarji u aġġustamenti ta' rivalutazzjoni***

1. "Tranżazzjonijiet finanzjarji" tirreferi għal dawk it-tranżazzjonijiet li jirriżultaw mill-ħolqien, il-likwidazzjoni jew it-tibdil fis-sjieda ta' assi jew obbligazzjonijiet finanzjarji. Dawn it-tranżazzjonijiet finanzjarji jitkejlu f'termini tad-differenza bejn il-pożizzjonijiet tal-istokk f'dati ta' rappurtar ta' tmiem il-perijodu, li minnha jitneħħew l-effetti ta' bidliet li jirriżultaw mill-influwenza ta' "aġġustamenti ta' rivalutazzjoni" (bħala konsegwenza ta' tibdiliet fil-prezz u fir-rata tal-kambju) u mir-"riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħra". Il-BĊE jeħtieġ informazzjoni statistika għall-finijiet ta' kumpilazzjoni ta' tagħrif statistiku dwar tranżazzjonijiet finanzjarji fil-forma ta' aġġustamenti li jinvolvu "riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħra" kif ukoll "rivalutazzjonijiet tal-prezz u tar-rata tal-kambju".

▼B

2. “Aġġustamenti ta' rivalutazzjonijiet” tirreferi għal bidliet fil-valutazzjoni tal-assi u tal-obbligazzjonijiet li jirriżultaw jew minn bidiliet fil-prezz ta' assi jew ta' obbligazzjonijiet u/jew mill-effett tar-rati tal-kambju fuq il-valuri, mfissra f'euro, ta' assi u obbligazzjonijiet iddenominati f'valuta barranija. L-aġġustament fir-rigward tar-rivalutazzjoni tal-prezz tal-assi/obbligazzjonijiet jirreferi għal tibdil fil-valutazzjoni ta' assi/obbligazzjonijiet li jirriżulta minħabba bidla fil-prezz li bih l-assi/obbligazzjonijiet huma rregistrati jew innegozjati. Ir-rivalutazzjonijiet tal-prezz jinkludu l-bidliet li jseħħu tul iż-żmien fil-valur tal-istokks ta' tmiem il-perijodu minħabba tibdiliet fil-valur ta' referenza li huma rreġistrati bih, jiġifieri qligħ/telf ta' investiment. Movimenti fir-rati tal-kambju kontra l-euro li jseħħu bejn id-dati tar-rappurtar ta' tmiem il-perijodu jwasslu għal aktar bidliet fil-valur tal-attiv/passiv f'valuta barranija meta mfissra f'euro. Billi dawn il-bidliet jirrappreżentaw qligħ/telf ta' investiment u mhumiex dovuti għal tranżazzjonijiet finanzjarji, dawn l-effetti għandhom jitneħħew mit-tagħrif statistiku tat-tranżazzjonijiet. Fil-prinċipju, aġġustamenti ta' rivalutazzjoni jinkludu wkoll bidliet fil-valutazzjoni li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet fl-assi/obbligazzjonijiet, jiġifieri qligħ/telf realizzat; madankollu, hemm prattiċi nazzjonali differenti f'dan ir-rigward.

3. “Tħassir/tniżżil fil-valur” tirreferi għat-tnaqqis fil-valur ta' self irreġistrat fuq il-karta tal-bilanċ fejn is-self huwa meqjus bħala assi mingħajr valur (tħassir) jew fejn jitqies li s-self mhux se jiġi rkuprat kompletament (tniżżil fil-valur). Tħassir/tnaqqis fil-valur ta' self rikonoxxut fil-ħin li s-self jinbiegħ jew jiġi ttrasferit lil parti terza huma inklużi wkoll, fejn ikun jista' jiġi identifikat.

▼B

*ANNESS III*

**STANDARDS MINIMI LI GĦANDHOM IKUNU APPLIKATI MILL-POPOLAZZJONI ATTWALI LI TIRRAPPORTA**

L-aġenti li jirrappurtaw għandhom jissodisfaw l-istandards minimi li ġejjin biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' rappurtar statistiku tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE).

1. Standards minimi għat-trażmissjoni:

   (a) ir-rappurtar għandu jkun f'waqtu u fl-iskandenzi stabbiliti mill-bank ċentrali nazzjonali (BĊN) rilevanti;

   (b) ir-rapporti statistiċi jridu jieħdu l-forma u l-format mill-obbligi ta' rappurtar tekniċi stabbiliti mill-BĊN relevanti;

   (c) l-aġent li jirrapporta għandu jagħti d-dettalji ta' persuna ta' kuntatt waħda jew aktar lill-BĊN relevanti;

   (d) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għat-trażmissjoni ta' tagħrif statistiku lill-BĊN relevanti jridu jiġu segwiti.

   (e) fil-każ ta' rappurtar titolu b' titolu, jekk il-BĊN rilevanti jitlob dan, l-aġenti li jirrapportaw għandhom jagħtu aktar informazzjoni (eż. l-isem tal-emittent, id-data tal-ħruġ) meħtieġ għall-identifikazzjoni ta' titoli li l-kodiċi ta' sikurezza għall-identifikazzjoni tagħhom ikun jew żbaljat jew mhux disponibbli pubblikament.

2. Standards minimi għall-preċiżjoni:

   (a) l-informazzjoni statistika għandha tkun korretta: kull limitazzjoni lineari għandha tiġi sodisfatta (eż. is-subtotali għandhom jammontaw għat-totali);

   (b) l-aġenti li jirrapportaw għandhom ikunu kapaċi jagħtu informazzjoni dwar l-iżviluppi implikati mit-tagħrif statistiku mibgħut;

   (c) l-informazzjoni statistika għandha tkun kompleta u m'għandhiex ikollha lakuni kontinwi u strutturali; il-lakuni eżistenti għandhom jiġu rikonoxxuti, spjegati lill-BĊN relevanti u, fejn applikabbli, mimlija mill-aktar fis possibbli;

   (d) l-operaturi li jirrapportaw għandhom isegwu d-dimensjonijiet, il-politika tal-approssimazzjoni u d-deċimali stabbiliti mill-BĊN relevanti għat-trażmissjoni teknika ta-t-tagħrif statistiku.

3. Standards minimi għal konformità mal-kunċetti:

   (a) l-informazzjoni statistika għandha tikkonforma mad-definizzjonijiet u l-klassifikazzjonijiet li jinsabu f'dan ir-Regolament;

   (b) f'każ ta' devjazzjonijiet minn dawn id-definizzjonijiet u klassifikazzjonijiet, l-aġenti li jirrappurtaw għandhom jimmonitorjaw fuq bażi regolari u jikkwantifikaw id-differenza bejn il-miżura użata u l-miżura li tinsab f'dan ir-Regolament;

   (c) l-aġenti li jirrapportaw għandhom ikunu jistgħu jispjegaw interruzzjonijiet fit-tagħrif statistiku mibgħut meta mqabbla maċ-ċifri tal-perijodi preċedenti.

4. Standards minimi għal reviżjonijiet:

   Il-politika ta' reviżjonijiet u l-proċeduri stabbiliti mill-BĊE u l-BĊN relevanti għandhom jiġu segwiti. Reviżjonijiet li jiddevjaw mir-reviżjonijiet regolari jridu jkunu akkumpanjati minn nota spjegattiva.